MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 602/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjetà assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c.**

**Vs**

**Philip Dimech personalment u ghan-nom tas-socjetà Italmal Machinery Limited u Ryan Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjetà assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c. fl-10 ta' Ottubru 2002 permezz ta' liema titlob li Philip Dimech f'ismu personali u ghan-nom tas-socjetà Italmal Machinery Limited u Ryan Dimech jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elfejn sitt mija u Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,601.75), illum ekwivalenti ghal €6,060.45, bil-imghaxijiet relattivi skond il-Ligi, liema somma hija dovuta lilha in kwantu ghal Lm25.00, illum ekwivalenti

ghal €58.23, bhala *excess* dovut wara li saret *claim* in segiwtu ghal incident tat-traffiku li fih kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAF-429, liema *claim* iggib in-numru M 01/1817, u in kwantu ghas-somma ta' Lm2,576.75, illum ekwivalenti ghal €6,002.21, billi din thallset indebitament fuq zewg *claims* b'numru M 01/9778 u M 01/9708, liema claims saru in segwitu ta' zewg incidenti tat-traffiku bil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461 misjuqa minn Ryan Dimech, li dak iz-zmien ta' l-incidenti ma kellux 25 sena u kwindi ma kienx kopert bil-Polza ta' Assikurazzjoni, bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult u ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2002, kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) preliminarjament il-konvenut Philip Dimech m'huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-incident mertu tal-kawza; (ii) in linea preliminari wkoll it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Uljterjuri tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li l-konvenut Ryan Dimech ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut Philip Dimech moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2003[1] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 15 tal-process, rat l-affidavit ta' Hugh P. Zammit esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Marzu 2004[2], rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' April 2004 markati Dok. "GM1" sa' Dok. "GM3" a fol. 20 sa' 33 tal-process u rat id-dokument esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Lulju 2003 a fol. 35 u 36 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Ryan Dimech moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2006[3], ix-xhieda ta' PC917

---

[1] Fol. 13 tal-process.
[2] Fol. 17 u 18 tal-process.
[3] Fol. 58 u 59 tal-process.

Joseph Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2006[4] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 70 sa' 74 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Hubert Said moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Frar 2007[5] u ta' l-1 ta' Dicembru 2008[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 83 sa' 87 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Carmel Dimech moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2011[7], rat id-dokument esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Lulju 2011 a fol. 114 sa' 116 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2011[8] u semghet ix-xhieda ta' Stephen Cachia moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SC1" u Dok. "SC2" a fol. 119 sa' 124 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici in rapprezentanza tas-socjetà assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c. titlob li l-konvenuti Philip Dimech f'ismu personali u ghan-nom tas-socjetà Italmal Machinery Limited u Ryan Dimech jigu ikkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta' Lm2,601.75, illum ekwivalenti ghal €6,060.45, konsistenti fis-somma ta' Lm25, illum ekwivalenti ghal €58.23, rapprezentanti *excess* dovut wara *claim* li saret in segwitu ghal incident tat-traffiku li fih kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAF-429, liema *claim* iggib in-numru M 01/1817, u fis-somma ta' Lm2,576.75, illum ekwivalenti ghal €6,002.21, li thallset indebitament minnha fuq zewg *claims* bin-numru M 01/9778 u M 01/9708 in segwitu ghal zewg incidenti tat-traffiku bil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461 misjuqa minn Ryan

[4] Fol. 64 tal-process.
[5] Fol. 67 sa' 69 tal-process.
[6] Fol. 82 tal-process.
[7] Fol. 103 sa' 104 tal-process.
[8] Fol. 117 tal-process.
[9] Fol. 125 sa' 128 tal-process.

Dimech li fiz-zmien ta’ l-incidenti ma kellux 25 sena u ghalhekk ma kienx kopert bil-Polza ta’ Assikurazzjoni.

Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) Philip Dimech ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-incidenti mertu tal-kawza; (ii) Ryan Dimech ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici nomine; (iii) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (iv) fil-meritu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel zewg eccezzjonijiet li ghandhom jigu trattati huma l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioè li Philip Dimech ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-incidenti meritu tal-kawza, u l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti u cioè li Ryan Dimech huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici nomine.

Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici nomine jirrizulta li kull wahda miz-zewg vetturi bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAF-429 u KAC-461 kienu koperti b’Polza ta’ Assikurazzjoni rilaxxjata minnha **f’isem Philip Dimech ghal Italmal Machinery Limited** u li fil-kaz tal-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461 il-kopertura assikurattiva ghall-perijodu l-1 ta' Dicembru 2000 u t-30 ta' Novembru 2001 kienet ghal sewwieqa minn 25 sena ‘l fuq[10]. Minn dawn il-provi jirrizulta ghalhekk li l-assikurat tas-socjetà attrici nomine bhala fatt huwa, jew ghall-inqas fiz-zmien tal-*claims* mertu ta’ dawn il-proceduri kien **Philip Dimech ghan-nom ta’ Italmal Machinery Limited**.

Il-konvenut Philip Dimech jirribatti dawn il-provi u jittanta jissosstanzja l-eccezzjoni li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine billi jiddikjara li *jiena*

---

[10] Vide affidavit ta’ Hugh P. Zammit a fol. 18 tal-process, Dok. “GM1” a fol. 21 u 22 tal-process, Dok. “GM2” a fol. 23 u 2 tal-process, Dok. “GM3” a fol. 30 u 31 u 33 tal-process, xhieda ta’ Hubert Said moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Frar 2007 a fol. 67 u 68 tal-process u c-certifikat ta’ assikurazzjoni relattiv ghal vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461 a fol. 115 u 116 tal-process.

*direttur tas-socjetà konvenuta Italmal Machinery Limited. Skond ma nfurmani t-tifel, u jiena nghid li ma nifhimx f'dawn l-affarijiet, dan kien qalli li s-socjetà konvenuta fil-fatt spiccat u qed jingabru xi dokumenti fuq hekk. Jiena ma niltaqax mat-tfal sabiex immexxi l-kumpanija. Issa ser nesebixxi dokument fuq dak li xhedt. Dan id-dokument fil-fatt huwa datat 23 ta' Mejju 2001*[11]. Ressaq ukoll bhala xhud lil ibnu Carmel Dimech li xehed illi *s-socjetà Italmal Machinery Limited hija proprjetà tieghi u mhux ta' missieri Philip Dimech. Li gara kien li fl-2001 jiena kelli ftit tal-problemi u kelli nirrizenja minn direttur u minflok inhatar bhala direttur missieri Philip Dimech. Madanakollu konna ghamilna kitba quddiem nutar fejn kont intrabatt illi ghal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' nibqa' responsabbli jiena u mhux missieri Philip Dimech. … Il-vettura EAF 429 hija truck cruiser li bih ingorr it-tarmac u l-vettura KAC 461 hija land cruiser van. Dawn iz-zewg vetturi kont hadt hsieb l-assigurazzjoni taghhom jiena, kont mort ghand Gasanmamo u mlejt il-proposal form jiena u l-hlasijiet tal-premia kont naghmilhom jiena wkoll. Nghid li fuq il-proposal form hemm il-firma tieghi. Ic-cekkijiet ghall-premia dejjem hargu minn Italmal Machinery Limited. Meta mort naghmel l-assikurazzjoni fuq dawn il-vetturi lil Gasanmamo kont tajthom l-ismijiet tan-nies li kelli jahdmu mieghi. Meta jiena tajthom l-ismijiet ta' l-impjegati tieghi huma riedu kopja tal-licenzja taghhom. Jiena l-ismijiet ta' l-impjegati naturalment tajthom lill-assikurazzjoni biex ikunu koperti bil-polza. L-aktar li talbuni dokumentazzjoni kien fuq Ryan u jiena kopja tal-licenzja tieghu kont tajtielhom.* In kontro-ezami Carmel Dimech kompla jghid illi *qed nigi mistoqsi jekk nistax naghti data ezatta ta' meta rrizenjat minn direttur u ergajt dhalt direttur tal-kumpanija nghid illi billi ghadda hafna zmien ma niftakarx. Kien hemm zmien meta bhala diretturi fil-kumpanija konna jiena u missieri izda hu qatt ma dahal fiha. Qed nigi mistoqsi jekk naqbilx li kien hemm zmien meta jiena u missieri t-tnejn stajna nidhru ghall-kumpanija fil-proceduri l-Qorti, nghid li din ir-risposta ma nistax nirrispondiha ghax din ma nifhimiex. In-nutar li quddiemu ghamilna l-iskrittura privata kienet mara u kienet minn Haz-Zebbug. Fiz-zmien*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2003, fol. 13 tal-process u dokument esebit a fol. 15 tal-process.

*meta ma kontx ghadni direttur tal-kumpanija kien rapprezentant tas-socjetà missieri. L-iskrittura privata li ghamilt referenza ghaliha qieghda a fol. 15 tal-process. In-Nutar kienet Mary Mizzi*[12]*.*

Minn din ix-xhieda huwa evidenti li l-argument tal-konvenuti, u in partikolari tal-konvenut Philip Dimech in kwantu l-eccezzjoni li tirrigwarda lilu, huwa li ghalkemm kien jidher bhala Direttur tas-socjetà Italmal Machinery Limited in verità huwa ma kellu xejn x'jaqsam maghha u konsegwentement ghalhekk ma jistax' jitqies – la personlament u lanqas fil-vesti rapprezentattiva – bhala l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine f'dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti però tali pretensjoni ma hijiex ghal kollox korretta u ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma tistax tigi milqugha fl-intier taghha.

Jibda biex jigi osservat li l-konvenut Philip Dimech mill-ewwel beda biex jammetti li huwa Direttur tas-socjetà Italmal Machinery Limited, li fiz-zmien li sehhew l-incidenti, ossia fl-10 ta' Lulju 2001, fil-11 ta' Mejju 2001 u fil-21 ta' Mejju 2001, u li tressqu l-*claims* relattivi kienet il-proprjetarja tal-vetturi bin-Numru ta' Registrazzjoni EAF-429 u KAC-461. Ghalkemm huwa jghid li din is-socjetà *fil-fatt spiccat* ma tressqet l-ebda dokumentazzjoni jew prova ohra f'dan is-sens. Apparte minn hekk Carmel Dimech ma jghid assolutament xejn f'dan is-sens, anzi meta xehed waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2011 huwa espressament iddikjara *is-socjetà Italmal Machinery Limited* ***hija proprjetà tieghi*** *u mhux ta' missieri,* li jfisser ghalhekk illi l-imsemmija socjetà ghadha tezisti. Da parte tieghu Carmel Dimech jghid illi ghalkemm missieru kien ghamel zmien direttur tas-socjetà Italmal Machinery Limited *konna ghamilna kitba quddiem nutar fejn kont intrabatt li ghal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' nibqa' responsabbli jiena u mhux missieri Philip Dimech* u in kontro-ezami jikkonferma li l-iskrittura li jaghmel referenza ghaliha hija l-istess skrittura li giet esebita mill-konvenut Philip Dimech a fol.15 tal-process.

---

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2011, fol. 103 u 104 tal-process.

Din l-iskrittura privata giet iffirmata fit-23 ta’ Mejju 2001 u essenzjalment tikkonsisti fi promessa ta’ trasferiment ta’ l-ishma ta’ Philip Dimech fis-socjetà Italmal Machinery Limited a favur ta’ Carmel Dimech liema trasferiment kellu jsehh billi Philip Dimech *jiffirma d-dokumenti ghal dana t-trasferiment hekk kif jigi mitlub jaghmel dan minn Charles Dimech*, talba però li ma jirrizultax li qatt saret u ghalhekk ma jirrizultax li tali trasferiment ta’ l-ishma gie konkluz. Fl-istess skrittura privata Philip Dimech u Carmel Dimech ftehmu bejniethom li *Charles Dimech minn issa jassumi kull dritt u obbligu fir-rigward ta’ dina l-kumpanija u jintrabat li jamminsitra hu minflok missieru l-interessi u l-affarijiet ta’ l-istess kumpanija*. Nonostante dak miftiehem bejn Carmel Dimech u Philip Dimech fl-imsemmija skrittura privata l-posizzjoni tal-kumpanija baqghet, ghall-inqas sat-2 ta’ Ottubru 2002 u cioè sa’ zmien ferm wara li sehhew l-incidenti iktar ‘l fuq imsemmija u gew registrati *l-claims* relattivi, qatt ma giet regolarizzata b’mod ufficjali mar-Registratur tal-Kumpaniji. In effetti mid-dokument esebit mis-socjetà attrici nomine a fol. 36 tal-process jirrizulta li sat-2 ta’ Ottubru 2002 Philip Dimech kien ghadu kemm azzjonist fi kif ukoll Direttur tas-socjetà Italmal Machinery Limited u addirittura kellu r-rapprezentanza guridika ta’ l-istess imsemmija socjetà. Il-konvenuti da parte taghhom ma ressqu l-ebda prova li minn dak iz-zmien lil hawn is-sitwazzjoni ufficjali tal-kumpanija nbidlet b’xi mod. Ghalhekk kwalunkwe ftehim li seta’ ntlahaq bejn Carmel Dimech u Philip Dimech bl-iskrittura privata tat-23 ta’ Mejju 2001 jolqot u jeffettwa lilhom biss u bl-ebda mod ma jolqot u jeffettwa lis-socjetà attrici nomine u/jew il-pretensjonijiet taghha u dana anke fid-dawl tal-principju li l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-Ligi[13].

Carmel Dimech jikkontendi wkoll li l-*proposal forms* ghall-Poloz ta’ Assikurazzjoni fuq il-vetturi bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAC-429 u KAC-461 gew mimilja w iffirmati minnu u li l-hlasijiet tal-premia relattivi dejjem gew

[13] Artikolu 1001 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

effettwati mis-socjetà Italmal Machinery Limited. Il-Qorti ma hijiex qed tqieghed fid-dubju l-fatt li s-socjetà Italmal Machinery Limited hija l-assikurata tas-socjetà attrici nomine ghaliex dana il-fatt jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-istess imsemmija socjetà attrici nomine izda, li jirrizulta b'mod inekwivokabbli, u dana anke ghaliex ma tressqitx prova kuntrarja sodisfacenti, hu li s-socjetà Italmal Machinery Limited fuq tali poloz kienet rapprezentata minn Philip Dimech bhala Direttur taghha u mhux minn xi hadd iehor. Ghalkemm Carmel Dimech isemmi dawn il-*proposal forms* huwa naqas milli jesebihom ghad illi wiehed ghandu jifhem li dawn huma fil-pussess tieghu, u ghalhekk l-unika prova konkreta li tirrizulta mill-atti hija d-dokumentazzjoni esebita mis-socjetà attrici minn liema jirrizulta, kif già inghad, li l-assikurat tas-socjetà attrici nomine huwa **Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited**.

It-talba tas-socjetà attrici nomine tittratta dwar zewg punti separati ossia: (i) il-hlas ta' l-*excess* li skontha baqa' ma thallasx mill-assikurat taghha fir-rigward tal-*claim* bin-numru M01/1817 dwar incident li fih kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EAF-429; u (ii) ir-risarciment tad-danni li hija kellha thallas lit-terz danneggjat in konnessjoni ma' zewg claims bin-numri M01/9778 u M 01/9708 dwar zewg incidenti li fihom kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461 waqt li kienet misjuqa minn Ryan Dimech meta dan ma kienx debitament kopert bil-Polza ghaliex ma kellux 25 sena.

Huma principji assodati in materia ta' assikurazzjoni li: (i) l-*excess* jithallas lill-assikurazzjoni mill-assikurat; u li (ii) ir-responsabilità ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex relatata mar-responsabilità ghall-akkadut izda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parte ta' l-assikurat.

Dwar il-pretensjoni attrici ghall-hlas ta' l-*excess* il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izzid dwar ir-responsabilità ghall-hlas ta'

l-istess stante li, jigi ribadit, huwa principju assodat illi *an excess clause or deductible, commonly encountered in motor, household and re-insurance policies, provides that the* ***insured***[14] *will bear the first part of any loss. … The* ***insured***[15] *is his or her own insurer for the amount of the excess*[16]*.* Dwar il-pretensjoni attrici ghar-risarciment tad-danni minnha imhallsa lit-terz danneggjat in konnessjoni ma' l-incidenti tat-traffiku li fihom kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461 waqt li din kienet misjuqa minn Ryan Dimech li fiz-zmien ta' l-incident ma kellux 25 sena kif rikjest mill-Polza, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et, Citaz. Nru. 2256/98** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005, fejn giet trattata sitwazzjoni simili ghal din in kwistjoni. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti osservat illi *r-responsabilità ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta mhux relatat mar-responsabilità ghall-akkadut. Izda l-obbligu tal-hlas lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn* ***inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat ma' l-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan***[17]*. Fil-kaz in ezami l-konvenut John Mifsud, qua proprjetarju u assikurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin sena. Kif irrizulta l-incident sehh meta l-vettura kienet qed tinsaq minn George Mifsud bil-permess ta' huh, l-assikurat, u qabel ma dan kien jikkwalifika skond il-kondizzjonijiet tal-polza. Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjetà attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhiex rilevanza ghal kawza odjerna.*

---

[14] Enfasi tal-Qorti.
[15] Enfasi tal-Qorti.
[16] Insurance Law, Doctrines & Principles – John Lowry & Philip Rawlings, Hart Publishing, Chap. 8(3)(B)(3) pg. 186.
[17] Enfasi tal-Qorti.

Il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza ta’ l-1 ta’ April 2005 ziedet tghid illi *l-azzjoni attrici fil-verità ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioè l-appellant naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioè lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjetà attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-età rikjesta fl-istess polza u b’hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta’ l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta’ dawk il-flejjes kollha li s-socjetà assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna imsemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjetà attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta’ danni akwiljani, izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta’ l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta’ assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjetà appellata. Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madanakollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta’ l-istess incident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjetà appellata, liema relazzjoni tohrog ex lege, cioè tohrog mill-Artikolu 10 ta’ l-imsemmi Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tielet lok imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f’din il-kawza, cioè r-relazzjoni bejn is-socjetà assiguratrici appellata u l-assigurat taghha, cioè l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta’ l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-*

*appellanti, però xorta wahda huma danni sofferti mis-socjetà appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjetà appellata.*

Minn dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li fil-kaz in ezami l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu diretti fil-konfront ta' l-**assikurat** taghha li kif rajna huwa **Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited**. Is-socjetà attrici nomine tavvanza l-pretensjonijiet taghha fil-konfront ta' Philip Dimech **f'ismu personali** wkoll, izda l-Qorti hija tal-fehma li tali pretensjoni ma tistax tigi milqugha stante li b'mod generali Direttur ta' socjetà kummercjali ma jistax jigi misjub personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà minnu rapprezentata jekk mhux fil-kaz ta' fraudulent jew wrongful trading[18] u b'mod specifiku l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta ma tipprovdix ghar-responsabilità personali tad-Diretturi jew azzjonisti ta' socjetà f'kaz li din tonqos milli thallas dak minnha dovut lill-assikurazzjoni taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi milqugha in parte fis-sens illi filwaqt li tigi milqugha in kwantu rigwarda **Philip Dimech f'ismu personali** b'dana li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, ghandha tigi michuda in kwantu rigwarda **Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited** stante li jirrizulta li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa effettivament il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine f'dawn il-proceduri.

Il-konvenuti ssollevaw eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-konvenut Ryan Dimech ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici nomine. Din l-eccezzjoni tittratta biss dik il-parti tat-talba attrici fejn hu involut il-konvenut Ryan Diemch, ossia t-

---

[18] "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" Citaz. Nru. 1903/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2007.

talba ghar-risarciment tas-somma ta' Lm2,576.75 rapprezentanti d-danni imhallsa mis-socjetà attrici nomine relattivi ghaz-zewg *claims* li saru in konnessjoni maz-zewg incidenti tat-traffiku li fihom kienet involuta l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461 misjuqa minn Ryan Dimech. Ghalkemm Ryan Dimech jikkonferma li huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura fl-okkazzjoni taz-zewg incidenti formanti parti mill-mertu ta' dawn il-proceduri[19], fid-dawl ta' dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitata sentenza **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**, ossia li *r-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjetà attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt* [da parte ta' l-assikurat]*. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhiex rilevanza ghal kawza odjerna*, jirrizulta li l-istess Ryan Dimech bhala fatt ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine ghaliex il-pretensjonijiet taghha ghandhom jigu diretti, kif del resto già konkluz, fil-konfront ta' l-assikurat taghha, ossia Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited*.* Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ghandha tigi milqugha u l-konvenut Ryan Dimech ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine.

Trattati dawn iz-zewg eccezzjonijiet jehtieg issa tigi trattata t-tieni eccezzjoni sollevata fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali, u cioè l-eccezzjoni li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni issa tinteressa l-iktar lill-konvenut Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited.

L-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq sentejn*. Il-preskrizzjoni partikolari invokata mill-konvenuti hija l-preskrizzjoni li tolqot azzjoni ghad-danni derivanti minn kwazi-delitt jigifieri fil-kaz ta' kolpa akwiljana u mhux ukoll fil-kaz ta'

---

19 Vide xhieda moghtija minn Ryan Dimech waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2006, fol. 58 u 59 tal-process.

kolpa kontrattwali[20]. Proprio ghaliex il-preskrizzjoni invokata tolqot l-azzjonijiet derivanti minn kwazi-delitt u mhux minn kolpa kontrattwali, il-Qorti hija tal-fehma li l-istess preskrizzjoni ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami. Kif già iktar 'l fuq osservat kemm it-talba attrici ghall-hlas ta' l-*excess* kif ukoll it-talba attrici ghar-risarciment tad-danni mhallsa lit-terz danneggjat huma talbiet derivanti mir-rabta kontrattwali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat taghha u b'hekk l-azzjoni attrici hija azzjoni *ex contractu* u mhux azzjoni *ex quasi delicto,* jsegwi li t-terminu presrittiv ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

Il-konvenuti fil-precitata kawza **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et** ukoll issollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta in risposta ghat-talba attrici. Dik l-eccezzjoni però giet michuda mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili stante li kkonkludiet li l-preskrizzjoni invokata ma kenitx applikabbli ghall-kaz in ezami u fir-rigward il-Qorti ta’ l-Appell, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula dwar ir-responsabilità ghar-risarciment tad-danni già iktar ‘l fuq citati, osservat illi *l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili certament mhix applikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghaliex l-azzjoni tas-socjetà appellata, kif maghmula fil-konfront ta’ l-assigurat taghha, cioè l-appellant, mhix bazata fuq rizarciment ta’ danni akwiljani jew delittwali. Invece, l-azzjoni odjerna hija bazata fuq in-nuqqas ta’ osservanza ta’ l-obbligi kuntrattwali assunti mill-appellant ai termini tal-polza ta’ l-assigurazzjoni in kwistjoni. Fi kliem iehor dan il-kaz jittratta dwar rizarciment ta’ danni kuntrattwali li evidentement l-eccezzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili mhix applikabbli ghaliha.*

---

[20] Paul Abela et v. Anthony Farrugia et, Citaz. Nru. 1505/95 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ April 1999 u Patrick Staines noe v. Paul Tabone noe, Citaz. Nru. 66/95 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Marzu 2001.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tigi michuda.

Jifdal issa li tigi trattata t-tielet eccezzjoni sollevata fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet originali u cioè l-eccezzjoni li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, liema eccezzjoni wkoll l-iktar li tinteressa huwa lill-konvenut Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited.

Is-sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici nomine ressqet diversi provi fosthom l-affidavit ta’ Hugh P. Zammit fejn iddikjara li *fl-1 ta’ Awwissu 2001 bhala rizultat ta’ claim li saret minn Philip Dimech ghar-rigward incident tat-traffiku li kien gara fl-10 ta’ Lulju 2001 gewwa l-Mgarr, Malta, waqt li huwa kien qed isuq l-vettura tieghu numru EAF-429. Ghalkemm saret claim, Philip Dimech naqas milli jhallas l-excess dovut minnu ta’ Lm25.00 – claim Nru. M01/1817. Illi fil-11 ta’ Mejju 2001 Philip Dimech ippermetta lil ibnu Ryan Dimech li dak iz-zmien kellu biss 22 sena (dob 24/4/1979) isuq il-vettura numru KAC-461. Waqt li Ryan Dimech kien qed isuq din il-vettura huwa kien involut f’incident tat-traffiku gewwa Hal Balzan ma’ vettura ohra misjuqa minn Paul Bonanno – Claim Nru. M 01 9701. Billi saret claim l-assikurazzjoni kellha thallas is-somma ta’ Lm508.75 lil Bonanno ghad-danni subiti minnu, u dana ghalkemm Ryan Dimech ma kienx kopert bil-polza li kienet tkopri biss sewwieqa il-fuq minn 25 sena. Illi fil-21 ta’ Mejju 2001 Philip Dimech rega ippermetta ghat-tieni darba lil ibnu Ryan Dimech li dak iz-zmien kellu biss 22 sena (dob 24/4/79) isuq il-vettura numru KAC-461. Dana rega’ kien involut f’incident tat-traffiku iehor din id-darba gewwa l-Mosta ma’ vettura ohra misjuqa minn Frankie Galea. Ghal dan l-incident Ryan Dimech kellu t-tort u kwindi ghalkemm huwa ma kellux 25 sena l-assikurazzjoni kellha thallas il-hsarat ta’ Frankie Galea u dana thallsu fl-ammont ta’ Lm2068.00 – f’dan il-kaz l-excess dovut minn Philip Dimech thallas – Claim Nru. M 01 9778*[21].

---

[21] Fol. 18 tal-process.

Dak affermat minn Hugh P. Zammit jinsab debitament ikkoroborat u kkonfermat mid-dokumenti Dok. “GM1” sa’ Dok. “GM3” a fol. 21 sa’ 33 tal-process, mix-xhieda ta’ Hubert Said moghtija waqt is-seduti tat-12 ta’ Frar 2007[22] u ta’ l-1 ta’ Dicembru 2008[23] u mid-dokumenti esebiti mill-istess Hubert Said a fol. 83 sa’ 86 tal-process in kwantu rigwarda n-nuqqas ta’ hlas ta’ *excess* relattiv ghall-*claim* bin-Numru M01/1817, u mid-dokument ossia kopja ta’ l-*Insurance Certificate* pertinenti ghall-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461 ghall-perijodu l-1 ta' Dicembru 2000 sat-30 ta' Novembru 2001, minn liema jirrizulta li l-*authorised driver* huwa dak deskritt taht il-paragrafu 3 ta’ l-imsemmi certifikat u cioè *You* (ossia l-assikurat) *and any person aged 25 years or over driving on your order or with your permission.*

Min-naha tal-parti konvenuta ma tressqet ebda prova li sodisfacentement teghleb dak li jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjetà attrici nomine, inkluz l-*Insurance Certificate* minn liema jirrizulta li fiz-zmien ta’ l-incidenti li sehhew f’Mejju 2001 u li fihom kienet involuta l-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461, Ryan Dimech ma kienx kopert bil-Polza ta’ Assikurazzjoni peress li ma kellux 25 sena. In effetti l-parti konvenuta baqghet ghal kollox siekta fir-rigward tan-nuqqas tal-hlas ta’ l-*excess* relattiv ghall-*claim* Numru M01/1817 u fir-rigward taz-zewg claims l-ohra hemm konferma da parte ta’ Ryan Dimech li huwa twieled fl-24 ta’ April 1979 b’dana ghalhekk li f’Mejju ta’ l-2001 huwa kellu biss 22 sena, u li kien involut fiz-zewg incidenti tat-traffiku li sehhew f’Mejju 2001 waqt li kien qed isuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461.

Il-parti konvenuta tishaq fuq il-fatt li s-socjetà attrici nomine naqset milli tipprezenta fl-atti tal-kawza kopja tal-Polza ta’ Assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni KAC-461 u tippretendi li fin-nuqqas ta' tali prova t-talba attrici ghandha tigi michuda. Fil-fehma tal-Qorti però tali pretensjoni hija ghal kollox bla bazi ghaliex ghalkemm is-socjetà attrici nomine ma pprezentatx kopja tal-Polza ta' Assikurazzjoni relattiva

[22] Fol. 67 sa’ 69 tal-process.
[23] Fol. 82 tal-process.

ghall-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAC-461, u dana ghaliex skontha l-Polza tkun fil-pussess ta' l-assikurat u mhux fil-pussess taghha, hija xorta pprezentat l-*Insurance Certificate* relattiv ghall-imsemmija vettura ghall-perijodu ta' assikurazzjoni l-1 ta' Dicembru 2000 u t-30 ta' Novembru 2001. Kemm-il darba l-parti konvenuta ssosstni li hija mehtiega l-Polza ta' Assikurazzjoni u di più li l-*Insurance Certificate* esebit mis-socjetà attrici nomine ma huwiex relattiv ghall-Polza in kwistjoni, kien fl-interess u fl-obbligu taghha li tressaq provi konvincenti u sodsifcenti fir-rigward, provi li però baqghu ma tressqux.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-parti konvenuta bit-tielet eccezzjoni taghha, t-talba attrici tirrizulta debitament ippruvata u ghal kollox gustifikata, u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Ryan Dimech mhux legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine f'dawn il-proceduri, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Philip Dimech f'ismu personali mhux legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine f'dawn il-proceduri, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju izda tiddikjara li Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited huwa l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici nomine f'dawn il-proceduri;
3. Tichad it-tieni u tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenuti; u
4. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament fil-konfront ta' Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited u tikkundanna lill-istess Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited ihallas lis-socjetà attrici s-somma komplessiva ta' €6,060.45, ekwivalenti ghal Lm2,601.75, bl-imghax legali dekoribbli mis-17 ta' Ottubru 2002, id-data tan-notifika ta'

l-Avviz promotur lil Philip Dimech, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri hlief ghal dawk relattivi ghal Ryan Dimech ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Philip Dimech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Italmal Machinery Limited filwaqt li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri relattivi ghal Ryan Dimech ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------